**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-ĦAMES LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 17 – IT-TLIETA, 19 TA' OTTUBRU 2010 FIT-8.30PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sindku s-Sur Anthony Mifsud ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Vici Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier Antoine Vella ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Ġew ippreżentati tliet *quotations* għall-pompi tal-funtani. Ġie deċiz li tintgħażel ta' E Calleja & Sons. Għandu ukoll jinġieb prezz tax-xogħol tal-kuntrattur.

3.2 Ġiet ippreżentata ittra mingħand l-Awtorità tad-Djar rigward talba għal ħsara li saret fil-kunsill mix-xita. L-ittra qiegħda tindika li skont il-kuntratt li ġie iffirmat, jgħid li ħsarat huma r-responsabbilità tal-kunsill. Ġie deċiż li nagħmlu *claim* mal-*insurance*.

3.3 It-tenders tal-*Bulky Refuse Collection* u tal-Konservazzjoni tal-iStatwa ta' San Nikola ġew ippublikati u se jagħlqu fil-5 ta' Novembru.

3.4 Il-Kunsill applika għall-*Community Involvement Scheme* minflok il-*Green Challenge Award*.

3.5 Ir-rapport fuq l-*Accountant* li għadu ma rritornax l-*accounts* tal-kunsill sar lill-pulizija.

3.6 It-talba tas-Sur Charles Zahra għall-kumpens tal-ħsara li qed jalega li saret fuq il-karozza tiegħu mill-ħaddiema tal-kunsill ma ntlaqgħetx għax il-kunsill ma jħossx li hemm bizejjed provi biex dan jithallas minn fondi pubbliċi.

**4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Għandu jiġi ċċertifikat it-Torri tal-Arloġġ mill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà u perit biex dan jiġi kunsidrat mit-*tour operators*,għal zjarat mit-turisti u għanki sservi ta' attrazjoni.

4.2 Ix-xogħol infrastrutturali li qed isir fi Sqaq Alessi għandu jinkludi wkoll *platforms*, bankijiet, imwejjed u passaġġi, kif kien ippjanat.

4.3 Ir-*Red Cross* ġie magħżul biex jibda l-kors tal-*First Aid*. Il-kunsill mhu se joħroġ ebda fondi.

4.4 Ġiet magħżula l-*quotation* ta' Jardaland biex jinxtraw 120 pjanta tal-Lantana biex isir *hedge* fis-*soft area* ta' Binja Ġebel Dwejra, u għal ikun inbeda t-tieni fazi ta' dan il-proġett.

4.5 Il-kunsill għandu jara li x-xogħol tal-bandli jibda sa l-aħħar ta' Frar mill-MRRA, u jekk le jara biex jibda x-xogħol hu.

4.6 Qed isir kommunikazzjoni biex ikun hemm ġemellaġġ bejn l-iScouts ta' l-iMtarfa u dawk ta' Arvdsjaur.

4.7 Ġew deċiżi l-attivitajiet tal-Milied:

Ikla tal-Kunsill fil-11 ta Diċembru, trasport provdut mill-Kunsill;

*Party* tat-Tfal, data mhux deċiża;

Fuljett tal-Milied b'messaġġ mis-Sindku;

*Party* għall-Anzjani fis-17 ta' Diċembru;

Banda – 19 ta' Diċembru 09.30 – 11.30

Il-Ferrovija u invit l-iscout għall-*Carol Singing* fit-22 ta' Diċembru.

4.8 L-Edizzjoni tal-Ħolqa li jmiss għandha toħroġ fl-aħħar ta' Jannar.

4.9 Ġejna offruti l-possibiltà li noffru korsijiet basiċi tal-Ingliż, tal-Malti u tal-Matematika għall-adulti.

**5 Aġġornamenti u xogħlijiet**

5.1 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Saret *site visit* flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv fi Triq San David rigward x-xogħol tal-ġebel u t-tindif fil-*culvert*. Saret ukoll *site visit* fi Sqaq Alessi fejn ġie deċiż li napplikaw għall-*street lighting*. Ġie deċiż li jsir *hedge* fi Sqaq Alessi u Ġnien Leslie Rundle. Ġie deċiż li jitkabbru l-ispralli fi Triq l-iMtarfa. Dan wara li saret *site visit* mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv waqt ix-xita. Ġie deċiż li ssir talba ta' devoluzjoni għal Cart Ruts. Għanda tintbagħat ittra lid-Dipartiment tas-Saħħa biex tiġi aċċessibbli l-kamra mortwarja l-antika. Għandhom isiru bozoz fix-*shelter* u għandu jiġi mistoqsi l-

GPD rigward ix-*shelter tal-mushrooms*. Staqsa fuq il-lagħqa ma' Transport Malta rigward it-talbiet pendenti magħhom.

5.2 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Għandu jigi kkommunikat mas-Support biex jitnaddaf l-emergency exit u dan jiġi aċċessibbli. Ġie deċiż ukoll li ssir bankina fi Triq Leslie Rundle. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li din diġà kienet deċiża. Ġie deċiż ukoll li niktbu lit-Trasport Malta biex il-*Bus Stop* fi Triq l-iMtarfa tiġi *shifted* u biex niġbru informazzjoni fuq il-frekwenza tal-karozzi tal-linja ghall-isptar u l-Università.

5.3 Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja staqsiet:

Rigward is-*site visit* li sar għand Dr Schembri. Għandha ssir *site visit* oħra mal-ħaddiema tal-kunsill.

5.4 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Għandu jsir 25 kopji tad-DVD tal-mawra fi Arvdsjaur biex jitqassmu waqt l-ikla li se ssir fit-22 ta' Ottubru. Għandha ssir talba lit-Trasport Malta għat-*traffic lights* u aktar *lighting* fl-iMtarfa Bypass kif ukoll tissewwa l-waħda li hemm mitfija.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fil-10.40pm. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir fl-4 ta' Novembru fit-8.15pm minħabba il-ħinijiet tax-xogħol tal-Viċi Sindku Simon Paul Fenech u l Kunsillier Antoine Vella.

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**